

tagħmir ferrovjarju fuq il-linja b'veloċità għolja Madrid-Zaragoza-Barcelona-Fruntiera Franċiża. Sezzjoni Madrid-Lérida” (CCI 1999.ES.16.C.PT.001, “Linja ferrovjarja b'veloċità għolja Madrid-Barcelona. Sezzjoni Lérida-Martorell (pjattaforma, fażi 1)” (CCI 2000.ES.16.C.PT.001), “Linja ferrovjarja b'veloċità għolja Madrid-Zaragoza-Barcelona-Fruntiera Franċiża. Aċċess ferrovjarju għall-istazzjon il-ġdid ta' Zaragoza” (CCI 2000.ES.16.C.PT.003), “Linja ferrovjarja b'veloċità għolja Madrid-Barcelona-Fruntiera Franċiża. Sezzjoni Lérida-Martorell. Sub-sezzjoni X-A (Olérdola-Avinyonet del Penedés)” (CCI 2001.ES.16.C.PT.007) “Aċċess ferrovjarju għid tal-linja b'veloċità għolja f'Levante. Sub-sezzjoni La Gineta-Albacete (pjattaforma)” (CCI 2004.ES.16.C.PT.014) u, sussidjarjament, talba għal annullament parzjali tal-istess deċiżjoni fir-rigward tal-korrezzjonijiet mwettqa mill-Kummissjoni.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud

(2) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 186, 25.06.2011.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Frar 2013 — Bopp vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' qafas ottagonali aħdar)

(Kawża T-263/11) (¹)

“*Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva li tirrapreżenta qafas ottagonali aħdar — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru distintiv — Karattru deskrittiv — Artikolu 7 (1)(b) u (ċ) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Produzzjoni ta' prova ppreżentata l-ewwel darba fir-replika — Artikolu 48(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali — Trażmissjoni ta' dokument lill-UASI permezz ta' fax — Regoli applikabbli*”

(2013/C 79/26)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Carsten Bopp (Glashütten, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Russ, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment K. Klüpfel u D. Walicka, sussegwentement K. Klüpfel u A. Pohlmann, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-11 ta' Marzu 2011 (Każ R 605/2010-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali figurattivi li jirrapreżenta qafas ottagonali aħdar bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

(1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-11 ta' Marzu 2011 (Każ R 605/2010-4) hija annullata.

(2) L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 238, 13.08.2011.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Frar 2013 — Coin vs UASI — Dinamiki Zoi (Fitcoin)

(Kawża T-272/11) (¹)

“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Fitcoin — Trade marks nazzjonali, Komunitarji u internazzjonali figurattivi preċedenti coin — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”

(2013/C 79/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Coin SpA (Venezia, l-Italja) (rappreżentanti: P. Perani u G. Ghisletti, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: O. Mondéjar Ortuño, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Dynamiki Zoi AE (Ateni, il-Greċja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-21 ta' Frar 2011 (Każ R 1836/2010-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Coin SpA u Dynamiki Zoi AE.

Dispożittiv

(1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-21 ta' Frar 2011 (Każ R 1836/2010-2) hija annullata sa fejn din tiċħad l-oppożizzjoni f'dak li jikkonċerna l-“ħwejjeġ, inklużi żraben u papoċċi”, li jaqgħu fil-klassi 25.

(2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.

(3) L-UASI huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll terz mill-ispejjeż sostruti minn Coin SpA.

(4) Coin għandha tbat i żewġ terzi tal-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 226, 30.07.2011.